MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1286/1994/2

**Victor Zammit**
**Vs**
**Carmelo sive Charles Cassar u Joanne Cassar f' isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Carmelo Cassar Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

Billi b'kuntratt ippubblikat fl-Atti tan-Nutar Paul Pullicino fit-3 ta' Awissu 1984 (DOK A) l-attur xtara u akkwista minghand l-intimat nomine l-mahzen bl-arja tieghu tal-kejl ta' cirka 334m2 jinsab il-Gudja bla numru u accessibbli minn rixtellu bla numru li jaghti ghal fuq Gudja Road, sive Tarxien Road, imiss mat-tramuntana ma' parti mill-access ghall-istess mahzen fuq liema access l-esponent ghandu

jkollu dritt ta' passagg bir-rigel, veikoli u mezzi mekkanizzati.

Billi minndakinhar illi gie ppubblikat il-kuntratt ta' akkwist fuq imsemmi sallum l-attur gawda u ghamel uzu mill-passagg ossija bitha li taghti mit-triq ghal mahzen.

Billi l-konvenuti huma l-possessuri u d-detenturi tal-bitha minfejn ghandu l-access l-esponent skond l-anness pjanta (DOK B).

Billi fix-xahar ta' Awissu 1994, il-konvenuti arbitrarjament, illegalment u minnghajr il-kunsens tal-attur, tellaw jew gieghlu li min jtella cint ossija hajt tal-hadid fl-gholi ta' cirka metru f'nofs il-bitha minn fejn ghandu l-access l-esponent u parrallel mar-rixtellu imsemmi fil-kuntratt (DOK A) f'liema hajt l-intimati hallew fetha ta' tlett metri (3 metri) ghall-access tal-esponent mit-triq ghal mahzen.

Billi fit-13 ta' Settembru 1994, l-attur talab u ottjena il-hrug minn din il-Qorti tal-mandat ta' Inibizzjoni numru 2980/94 kontra l-konvenuti illi bih l-istess konvenuti gew inibiti milli klandestinament jew vjolentement jaghmlu u jwettqu kwalunkwe azzjoni illi bih l-uzu u t-tgawdija mill-istess attur tal-access ossija passagg fuq imsemmi jigi mnaqqas jew impedut (DOK C).

Billi fil-granet immedjatament wara l-hrug tal-imsemmi mandat u n-notifika tal-istess lill-konvenut (DOK D) l-istess konvenuti vvjolaw repetutament f-ordni ossija l-mandat mahrug minn dina l-Qorti billi sakkru l-kancell ossija rixtellu illi jaghti ghall-art illi fuqha l-attur ghandu d-dritt ta' passagg u di piu' il-konvenuti pparkeggjaw il-vetturi taghhom b'mod illi l-uniku apertura fic-cint minnhom erett kif fuq inghad giet maghluqa.

Billi fid-29 ta' Settembru 1994, il-konvenuti jew min minnhom vjolentement u klandestinament vvjolaw l-ordni ossija l-mandat spedit minn din il-Qorti b'mod aktar serju billi ghalqu il-fetha fuq imsemmija illi kienu originarjament hallew fic-cint tal-hadid minnhom imtella billi komplew jew gieghlu 'l-min jkompli, jtellghu l-istess cint tal-hadid b'mod

illi dan ic-cint qieghed jaghlaq kompletament il-passagg tal-attur.

Billi b’dan il-mod l-imsemmija konvenuti oltre milli kkawzaw danni ngenti lill-attur kkommettew deliberatament disprezz lejn l-awtorita’ ta’ dan il-Qorti.

Jghidu l-istess konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-agir fuq imsemmi u deskritt tal-istess konvenuti jew min minnhom, jikkostitwixxi ksur tal-mandat ta’ inibizzjoni mahrug minn din il-Qorti fit-13 ta’ Settembru 1994 u konsegwentement;

(2) Tiddikjara u tiddecidi illi bl-agir taghhom fuq imsemmi l-istess konvenuti jew min minnhom huma hatja ta’ disprezz ta’ l-Awtorita’ tal-Qorti.

(3) Tikkundanna fuq il-konvenuti jew min minnhom dik il-piena kompatibbli mal-gravita’ tal-atti ta’ disprezz minnhom kommessa, bhala kastig tad-disprezz taghhom lejn l-Awtorita’ tal-Qorti.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-protest tad-29 ta’ Settembru 1994, kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

Illi mal-otteniment tal-mandat ta’ inibizzjoni in kustjoni l-esponent waqaf mix-xoghol li kien beda jaghmel biex b’hekk jobdi l-ordni tal-Qorti . L-ordni tal-Qorti pero’ ma kienx jirreferi bl-ebda mod ghall-kancell in kustjoni u l-konvenuti baqghu jaghalqu dan il-kancell kif kienu jaghmlu minn snin ilu u dan bil-lejl ghall-protezzjoni taghhom billi l-konvenut kien gie kemm il-darba derubat. B’dan il-mod il-konvenut bl-ebda mod ma ried jonqos milli jobdi l-ordni tal-Qorti billi huwa ma jifhimx li dak l-ordni kien jirreferi b’xi mod ghall-dan il-kancell li kien per-esistenti ghall-snin ferm twil qabel ma sar dan il-mandat ta’ inibizzjoni u

fehem bir-rispett kollu li dak il-mandat ta' inibizzjoni kien jirreferi biss ghax-xoghol intrapriz minnhu recentement fiz-zmien li sar l-istess mandat.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti. Fil-31 ta' Awissu 1994 il-konvenut kien responsabbli ghall-kostruzzjoni ta' hajt tal-hadid f' nofs 'bitha' li minnha l-attur kien ilu jezercita dritt ta' passagg bir-rigel u bil-mezzi mekkanizzati mit-3 ta' Awissu 1994 u cioe' d-data tal-kuntratt[1] ta' komprovendita tal-proprjeta li hu kien akkwista minghand is-socjeta' Carmelo Cassar Limited.

Illi l-imsemmi hajt li kien gholi ta' circa metru u nofs kien paralleli mar-rixtellu indikat fl-imsemmi kuntratt, u kellu fetha ta' tlett metri circa li kellha isservi bhala access ghan-naha l-ohra tal-bitha.[2]

Illi l-attur talab u fit-13 ta' Settembru 1994 ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni [nru.2980/94] li permezz tieghu l-konvenut gie inibit milli jaghmel *"<u>kwalunkwe azzjoni</u> illi bih l-usu u t-tgawdija minn Victor Zammit tal-access komuni jigi mnaqqas jew impedut".* Din l-ordni tal-Qorti kienet giet debitament notifikata lil Carmelo Cassar <u>personalment</u> dak in-nhar stess 13 ta' Settembru 1994.[3]

Illi mix-xhieda tal-attur rrizulta li wara l-hrug tal-mandat, l-konvenut u t-tifla tieghu bdew jinblokkaw *"off and on"* bil-karrozzi taghhom il-passagg mill-fetha li kienet thalliet fil-hajt tal-hadid, b' hekk kienu jostakolaw l-uzu tal-access ta' parti tal-attur kif ukoll ta' certu Joseph Pace Direttur tas-socjta' Lewis Press Limited li ghandha plots fl-istess

[1] Atti Nutar Dr.Paul Pullicino – Dok.A – Fols.8-13
[2] Ara ritratti esebiti u pjanta – Fols.41-44, kif ukoll skizz tal-Assistant Gudizzjarju maghmul waqt l-access tat-23 ta' April 2003.
[3] Fols.32-34 – Sottolinear ta' din il-Qorti.

inhawi.[4] Sussegwentement fid-29 ta' Settembru 94 ghal habta tal-4.00 pm. din l-apertura fil-hajt tal-hadid inghalqet kollha bil-hadid biex b' hekk il-hajt kien komplet u gie ostakolat ghal kollox l-access lill-attur; izda l-ghadha dih il-fetha regghet infethet.

Illi gie sostnut wkoll il-konvenut beda ghalaq u sakkar bil-katnazz il-kancell principali, li qabel il-31 ta' Awissu kien dejjem miftuh, u ma tax cwievet lill-attur, bir-rizultat li meta l-attur kien isib il-kancell maghluq huwa kien ikun kostrett li jghaddi minn passagg iehor.[5]

Illi sussegwentement permezz ta' verbal registrat fil-11 ta' Dicembru 2002 fil-kawza numru 1211/94, id-difensur tal-attur iddikjara li c-cint meritu tal-kawza odjerna gie "mwaqqa' fil-mori tal-kawza xi xhur wara li gie mtella' meta l-kawza kienet diga' miftuha … u ma regax gie erett xi forma ta' eghluq iehor".[6] Dan il-fatt gie konstatat wkoll mill-Assistant Gudizzjarju waqt l-access li sar fit-23 ta' April 2003.

Illi l-konvenut fix-xhieda tieghu sostna li meta huwa rceva l-ordni tal-Qorti huwa nehha kollox.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi in tema legali jigi osservat li l-Istitut ta' Disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti huwa "stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita' tal-Qorti, biex tigi **tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja**". Il-Qorti mhix parti interssata f' dan il-gudizzju. L-imhallef ma' ghandu ebda interess personali fil-meritu tal-procediment. L-uniku interess tal-Qorti hu ta' l-Imhallef hu dak li jissussisti f' kull procediment, dak li ssir gustizzja skond il-ligi.[7]

"Jiehtieg li kulhadd jifhem li biex **jinzamm il-bwon ordini fis-socjeta'** hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Ordni tal-Qorti ghandu jkun obdut u se mai ghandu jkun jkun

[4] Dep.Joseph Pace – Fol.75 *et seq.*
[5] Dep. Attur – Fol.89
[6] Dokument anness man-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut – fol.136
[7] PA [VCC] ***Il-Qorti vs Antoine Camilleri*** 9.11.1990 – Vol.LXXIV.III.546

kontestat fi proceduri ad hoc;  izda certament tali ordni ma tistax tigi injorata.[8]

Illi fil-meritu l-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta ampjament li l-konvenut bl-azzjonijiet tieghu naqqas u f' certu zmien ostakola kompletament l-usu u t-tgawdija minn Victor Zammit tal-access komuni u dan kontra l-ordni tal-Qorti, u wara li dik l-istess ordni kienet giet debitament notifikata lilu personalment.  Din il-Qorti, nonostante c-cahda tal-konvenut, hija sodisfatta mill-prova tal-fatt li dana, anke wara li gie notifikat bil-mandat ta' inibizzjoni, kompla jnaqqas u anke jostakola l-access liberu li jgawdi l-attur f' dak il-post; u l-gheluq da parti tieghu tal-kancell principali minghajr konsenja ta' kopja c-cavetta lill-attur, b' mod li l-attur okkazzjonalment sab ruhu li kellu juza passagg iehor, tidhol fit-termini ta' *"kwalunkwe azzjoni illi bih l-usu u t-tgawdija minn Victor Zammit tal-access komuni jigi mnaqqas jew impedut".*

Illi l-fatt li fil-mori tal-kawza il-konvenut nehha l-hajt tal-hadid u jidher li l-posizzjoni tal-attur giet repristinata, ma jimmilitax kontra r-responsabbilita' tal-konvenut fit-termini tac-citazzjoni, stante li l-vjolazzjoni tal-ordni tal-Qorti sehhet malli gew kommessi l-imsemmija atti mill-konvenut, u damet issehh sakemm dam jissussisti dan l-istat ta' illegalita'.  Il-fatt li sussegwentement fil-mori tal-proceduri, il-konvenut irriprestina l-posizzjoni, huwa relevanti ghall-finijiet ta' piena, izda mhux ghall-finijiet tar-responsabbilita' tieghu jew tal-kap tal-ispejjez li kellhom jigu inkorsi minhabba l-intransigenza tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Cassar proprio et nomine, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront ta' dan il-konvenut u ssib lill-Carmelo Cassar proprio et nomine hati ta' disprezz;  u *tikkundannaha ghall-hlas ta' multa ta' hamsa u sebghin lira maltin [Lm75]* fir-Registru ta' din il-Qorti fi zmien xaharejn millum u fin-nuqqas ta' tali hlas fiz-zmien

[8] Vide - App. ***Concetta Dimech vs Joseph Bonnici*** – 9 Frar 200;  PA ***Il-Qorti vs George Galea*** – 14 Marzu 1988 Vol.LXXXII.II.226.

moghti, l-imsemmija multa tigi konvertita fi prigunerija ghal zmien hmistax [15] il-gurnata.[9] Tillibera lill-konvenuta Joanne Cassar mill-osservanza tal-gudizzju, stante li ma jirrizultax li kienet dina involuta jew partecipi fl-agir illegali kommess minn zewgha Carmelo Cassar.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Carmelo Cassar, salv dawk rigwardanti il-konvenuta Joanne Cassar li ghandhom jibqghu a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] [Art.1002 Kap.12 u 11(3) u 14 Kap.9]